**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 001/2017**

**CF ('l-ilmentatur')**

**vs**

***MAPFRE Middlesea p.l.c.*** **(C 5553)**

**('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tat-18 ta' Settembru 2018**

**L-Arbitru**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatur jghid li ghamel talba skont il-polza tal-assikurazzjoni '*BOV Skypass Visa Card'* liema talba giet michuda mill-assikurazzjoni li tkopri din il-polza.

It-talba kienet tirrigwardja serq ta' bagalji misruqa mill-karozza li kienet imsakkra waqt li kien fuq vakanza fl-Italja.

Il-'*claim*' tieghu giet michuda a bazi tal-'*ezenzjoni*' ta' '*serq minn vetturi li ma jkollhomx nies maghhom'*.

Skont l-ilmentatur din l-esksuzjoni tapplika meta ma jsirx rapport lill-pulizija mentri fil-kaz tieghu dan ir-rapport sar.

Din il-klawsola hija ingusta peress li jinghad fiha li l-bagalji jridu jkunu akkumpanjati biex jinghata kumpens f'kaz ta' serq.

Jghid li l-ebda bagalja ma ser tinsteraq jekk tkun akkumpanjata u ghalhekk din hija kontradizzjoni.

Din il-polza hija illogika u ingusta ghax fil-fehma tieghu qatt ma tista' tigi onorata. Fil-kaz tieghu, il-bagalji kienu msakkrin fil-*boot* tal-karozza bla ma jidhru.

Ir-rapport tal-pulizja juri car li l-karozza giet imkissra biex saret is-serqa.

Din il-polza tqarraq bil-klijenti ghaliex minghalihom ikunu inxurjati meta, fil-fatt, ma jkunux.

Minkejja li staqsa lill-assikuraturi, allura, meta din il-polza tista' tigi onorata hu baqa' bla twegiba.

Din il-polza qieghda b'mod ingust tevita l-obbligi tal-assikurazzjoni ghad-detriment tal-klijenti taghha.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li jghid:**

Li l-polza relevanti ghall-kaz hija msejha *Travel Open Cover* permezz tal-*BOV Skypass Visa Card* li l-ilmentatur kellu u li fuqha qed jibbaza l-*claim* tieghu ghal rifuzjoni tal-hlas tal-bagalji mitlufin.

Fuq pagna nru. 19, *List C,* tal-polza huma spjegati l-eskluzjonijiet li japplikaw ghal *Section 8 fuq Personal Belongings* fejn jinghad li:

*'We shall not make payments for:*

*1. Losses not reported to the Police within 24 hours of discovery;*

*Omissis*

*10.* ***Theft from unattended vehicles or of unattended baggage.'***

Illi l-kaz in kwistjoni jaqa' fil-parametri ta' din il-kundizzjoni illi kjarament ma tkoprix serq ta' bagalji misruqa minn karozza li ma jkollhomx nies maghhom.

Anke jekk isir rapport lill-pulizija tas-serqa il-*claim* xorta wahda tista' taqa' taht l-eskluzjoni.

Illi din il-klawsola ma hijiex ingusta ghaliex hemm sitwazzjonijiet fejn il-bagalji jistghu xorta jinsterqu meta s-sid ikun qed jakkumpanjahom. Il-klijent seta' jifhem dawn il-klawsoli  u ghalhekk m'hemm l-ebda ingann.

Il-klijent kellu jara s-sinifikat tal-polza u l-klawsoli taghha. Il-fatt li l-ilmentatur ma qarax il-polza ma jrendux il-klawsoli ingusti u inapplikabbli.

Ghalhekk l-assikurazzjoni waslet ghall-konkluzjoni li, skont it-termini tal-polza kif kwotata, l-ilmentatur mhux kopert taht il-polza.

**Ra l-atti kollha tal-kaz.**

**Sema' x-xhieda tal-ilmentatur u martu.**

**Jikkonsidra:**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li fil-fehma tieghu huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[1]

Il-lanjanza li hemm bejn il-partijiet hija l-klawsola li hemm fil-polza tal-assikurazzjoni fejn tghid li l-polza ma tkoprix lill-klijent f'kaz ta' '***Theft from unattended vehicles or of unattended baggage'***.

**Il-Fatti tal-Kaz**

Dwar dak li sehh, l-Arbitru ghandu biss il-verzjoni tal-ilmentatur ghaliex l-assikurazzjoni ma ressqet l-ebda provi, anzi tghid li m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti.

L-ilmentatur spjega li filwaqt li kienu fuq vakanza f'Turin, l-Italja, bil-karozza huma ipparkjaw f'*parking area* pubbliku fejn kien hemm hafna karozzi ohra ipparkjati u dahlu f'muzew u wara xi siegha u nofs hargu. Il-karozza kienet imsakkra.

Meta hargu sabu qmis minn taghhom mal-art u kif fethu l-*boot* tal-karozza sabu li kienu serqulhom il-bagalji. It-tieqa tan-naha tad-*driver* kienet imkissra u immedjatament marru jaghmlu rapport lill-pulizija, liema rapport kien inghata lill-*Mapfre Middlesea p.l.c.*

[1] Kap. 555, Art 19(3)(b)

Wara xi hmistax-il jum mindu ghamlu l-ilment ircevew rifjut min-naha tal-provditur tas-servizz. Xehed ukoll li l-bazi tar-rifjut tal-*claim* tieghu kienet li jekk il-karozza tkun *unattended* din mhix koperta.

Dwar l-ammont li qed jitlob jghid li dan jidher fil-formola tal-ilment mal-Arbitru,[2] jigifieri s-somma ta' €4,237.

Mart l-ilmentatur ikkonfermat dak li xehed zewgha u ziedet li l-*holiday* kienet ghal tliet gimghat u kienu erbgha minn nies u hadu maghhom affarijiet ghal tliet gimghat ghal erbgha minn nies.[3]

Il-provditur tas-servizz la ghamel kontroezami u ma ressaq l-ebda xhud. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-istess provditur tas-servizz jghid li l-fatti kif jirrizultaw mill-process ma humiex ikkontestati.

Il-provditur tas-servizz jghid li rrifjuta l-*claim* a bazi tal-eskluzjoni taht l-*Artikolu 10* tas-*Sezzjoni 8* tal-polza li tghid li l-provditur tas-servizz ma jkoprix il-*claim* f'kaz ta' ***'Theft from unattended vehicles or of unattended baggage'.***

L-ilmentatur jghid li din il-klawsola hija ingusta u anke qarrieqa ghaliex tilludi lill-klijent fis-sens li taghtih assikurazzjoni falza ghaliex filwaqt li jinghata x'jifhem li hu kopert *de facto* ma jkunx. Il-provditur tas-servizz jichad dan.

**Il-Kuntest Guridiku u Aspetti Ohra**

Il-kwistjoni ddur fuq relazzjoni bejn kumpanija tal-assikurazzjoni u l-assikurat. Kif dejjem gie ritenut mill-qrati taghna, kuntratt ta' assikurazzjoni huwa bbazat fuq l-*uberrimae fidei* jew *utmost good faith* bejn il-partijiet.

Din ir-relazzjoni mhix regolata esklussivament mill-provedimenti tal-Kodici Civili, kif jipprova jghid il-provditur tas-servizz fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fejn jghid li ma tidhol '*l-ebda kwistjoni ta' ekwità izda tidhol il-kwistjoni illi 'pacta sunt servanda'.* Però, dan il-principju ta' *pacta sunt servanda* ghandu definizzjoni differenti minn dak kif proponut mill-provditur tas-servizz.

[2] A fol 9
[3] Xhieda a fol 132

Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell spjegat b'mod car xi jfisser dan il-principju u kif evolva mal-introduzzjoni mill-legizlatur ta' normi godda biex tinghata protezzjoni lill-konsumatur:

'*Bhala punt ta' tluq jibda biex jigi osservat illi, di regola, fil-konvenzjonijiet ordinarji l-kontraenti jaslu ghall-formazzjoni taghhom, skont il-principji ta' dik il-libertà u awtonomija, bil-partecipazzjoni ta' trattattivi esprimenti l-volontà negozjali taghhom. Ukoll f'dik il-fazi pre-kontrattwali ghandha parti sinjifikattiva l-bwona fede tal-kontraenti, intiza din bhala dak id-dover li l-partijiet jinformaw lil xulxin b'dawk l-elementi ta' intendiment aktar preciz u ezatt tal-kuntratt li jkun ser isir. Huwa utli li jinghad li f'dan l-istess dover ta' informazzjoni ghandhom ikunu maghrufa u spjegati wkoll kull kawza tal-inefficjenza tal-kuntratt jew il-kawzi tal-inadempiment tieghu … Huwa dan kollu li, fil-fehma tal-Qorti, jaghti lok ghall-principju pacta sunt servanda. Hekk fl-imghoddi kien sahansitra deciz illi "r-regoli li l-kuntratti jigu ezegwiti bil-mod li l-ekwità tattribwixxi lill-obbligazzjoni assunta mill-kontraenti m'ghandhiex tkun kuntrarja ghar-regola l-ohra illi l-konvenzjoni tal-partijiet ghandha jkollha forza ta' ligi bejniethom". Ara "***Felice Gerada -vs- Ettore Pace et nomine***", Qorti tal-Kummerc, 15 ta' Dicembru 1938. Dan s'intendi, fl-ambitu tad-dixxiplina normattiva taht il-Kodici Civili (Artikolu 992); Dan premess, huwa konvenjenti li jinghad illi minn dak iz-zmien sal-lum il-legislatur Malti haseb taht l-inkalzar tad-Dritt Komunitarju, ghar-ri-valutazzjoni tal-imsemmi principju pacta sunt servanda bl-introduzzjoni ta' normi specjali ghat-tutela tal-konsumatur, in partikolari fejn si tratta ta' kondizzjonijiet standard prefissati mill-kummercjant u li fihom il-konsumatur ma jkunx ippartecipa ghall-formazzjoni jew imposizzjoni taghhom.*'[4]

Il-fatti ta' dan il-kaz huma partikolari ghaliex mhux talli l-konsumatur ma hax sehem fl-ebda negozjati mal-assikurazzjoni dwar in-negozjar ta' kundizzjonijiet ta' ftehim, kif jinghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell 'il fuq kwotata, imma l-ilmentatur qatt ma ltaqa' mal-kumpanija assikuratrici ghaliex huwa kien inxurjat permezz tal-*BOV SkyPass Visa Card* mahruga mill-*Bank of Valletta p.l.c.* u liema kundizzjonijiet tal-polza, jekk sar negozjar, dan sar biss bejn il-*Bank of Valletta p.l.c.* u l-assikurazzjoni. Però, huwa minnu wkoll li l-ilmentatur kien kopert bil-polza li kien qed joffri l-istess Bank ma' min ikollu l-*Visa Card.* Imma ma jistax il-

---

[4] *Raymond u Redenta Camilleri vs Touring Mediterraneo Ltd.*, 6/10/2010

provditur tas-servizz jargumenta b'mod li qisu l-ilmentatur ghamel xi kuntratt miftiehem mal-assikurazzjoni u '*pacta sunt servanda'*.

Barra minn hekk, kellu kuntratt fi *standard form* u, kif anke ritenut mill-Qorti tal-Appell f'diversi sentenzi taghha, meta jintuza *standard form contract* u tezisti relazzjoni bejn konsumatur u kummercjant wiehed irid jara jekk ikunux intuzaw xi klawsoli ingusti skont kif jipprovdi l-Att Dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378) u anke normi li gew stabbiliti b'direttivi tal-Unjoni Ewropea.

Il-klawsola li hemm kwistjoni dwarha f'dan il-kaz hija dik inserita f'pagna 19 *List C* tal-polza, fejn hemm l-eskluzjonijiet li japplikaw ghal *Section 8 fuq Personal Belongings* fejn jinghad li ma tkoprix ***'Theft from unattended vehicles or of unattended baggage'*.**

L-ilmentatur jghid li kif inhi miktuba din il-klawsola hija fiha innifisha ingusta ghaliex qatt ma tista' persuna inxurjata tiehu rimedju jekk ikun serq minn karozza ghaliex hadd mhu ser jisraq meta inti tkun hdejn il-karozza u, ghalhekk, il-kliem '*theft from unattended vehicles'* huma kliem ingusti u qarrieqa ghaliex filwaqt li l-polza taghti lil dak li jkun serhan il-mohh li hu assikurat, fil-fatt ma jkunx.

Il-provditur tas-servizz jghid li jista' jkun hemm cirkostanzi fejn din il-klawsola jista' jkollha relevanza izda ma jaghti l-ebda ezempji fejn din tista' tintuza minghajr ma ssehh ingustizzja mal-assikurat.

F'dan ir-rigward, jekk din il-klawsola ghandhiex titqies fic-cirkostanzi kollha ingusta u dikjarata nulla skont l-Artikolu 44 (1) tal-Kap. 378 , l-Arbitru ghandu r-riservi tieghu.

Dak li ghandu jkun determinanti huma l-fatti partikolari ta' kull kaz u kull kaz ghandu jittiehed fuq il-merti tieghu. Dan qed jinghad ghaliex jista' jkun hemm kazi fejn il-klijent ikun traskurat u jhalli karozza *'unattended'* f'post dizabitat u ssehh serqa minnha, jew ihalli twieqi miftuhin jew jitlaq u ma jsakkarx il-karozza. F'dawn il-kazi l-assikurazzjoni jkollha ragun tghid li ma tkoprix *'unattended vehicles'* ghax f'dawn ic-cirkostanzi l-assikurat ikun gab ir-riskju huwa stess bit-traskuragni tieghu. U hadd m'ghandu jippretendi li jithallas tat-traskuragni sakemm ma jkunx inxurjat *ad hoc* fuq negligenza.

Imma l-kaz odjern huwa differenti hafna minn hekk. L-Arbitru ma jaqbel xejn ma' dak li qed jipprova jghid il-provditur tas-servizz fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li l-kaz sehh minhabba t-traskuragni tal-ilmentatur jew li m'agixxiex bhala missier tajjeb tal-familja.

Il-fatti tal-kaz, kif spjegati mill-ilmentatur u li qabel maghhom il-provditur tas-servizz, jghidu xorta ohra.

L-ilmentatur jghid car u tond li hu kien sakkar il-karozza, ipparkjaha f'parkegg pubbliku - u mhux x'imkien dizabitat - u halliha wahedha biss fil-mument li hu u l-familja dahlu jaraw muzew.

**L-Arbitru jrid jasal ghall-konkluzjoni dwar l-ilment b'referenza ghal dak li fil-fehma tieghu huwa gust, ekwu u ragonevoli**.

Ghalhekk l-interpretazzjoni tal-polza trid tigi evalwata fl-ambitu ta' dawn il-kriterji u f'dan il-kaz fuq kollox fuq ir-ragonevolezza. Huwa ragonevoli li xi hadd li jkun fuq vakanza u li jkollu karozza, sew tieghu jew tal-kiri u jipparkjaha f'parkegg pubbliku fejn hemm sorveljanza akbar minn xi post dizabitat, u jidhol jara muzew? Huwa mistenni li min isiefer ikun irid jara l-post li jkun zar u li dan joffri. Anzi wiehed mill-iskopijiet li wiehed jivvjagga b'karozza privata huwa li jkun jista' jara aktar attrazzjonijiet li joffri l-post. U f'xi hin trid tipparkja l-karozza, tinzel minnha u thalliha '*unattended*'.

Jekk din il-klawsola jew l-eskluzjoni tal-polza ma tqisx dawn ic-cirkostanzi, allura, tkun qed tigi interpretata b'mod ristrettiv li twassal ghall-assurdità li wiehed jinxurja ruhu.

Polza ta' assikurazzjoni trid tigi interpretata b'mod gust, ekwu u ragonevoli u ghalhekk il-legizlatur addottata dawn il-kriterji bhala l-ghodda ewlenija li fuqha jrid jimxi l-Arbitru taht il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.[5] Ma tista' ssehh l-ebda gustizzja jew ekwità jekk wiehed ma jharisx lejn ir-ragonevolezza ta' kif sehhew il-fatti u ta' kif jigu interpretati l-pattijiet u l-konvenzjonijiet bejn il-partijiet.

L-ilmentatur ghamel dak li kien mistenni fic-cirkostanzi, jigifieri sakkar il-karozza u pparkjaha f'post pubbliku fejn is-sorveljar taghha jista' jkun ahjar milli f'xi post imwarrab. Tajjeb jinghad ukoll li f'postijiet urbani barra minn Malta ma ssibx

[5] Art. 19(3)(b)

tipparkja fejn trid u dawn il-parkeggi pubblici huma hafna drabi l-unici postijiet li ssib tipparkja. Ghalhekk l-agir tal-ilmentatur f'dan ir-rigward kien wiehed ragonevoli u ma tistax tigi moghtija lilu xi forma ta' htija dwar dan.

Barra minn hekk, dak li sehh huwa xi haga li ftit nies jistennew li jigri. Hemm prova cara mir-rapport tal-pulizija li ghamel l-ilmentatur hekk kif sehh l-incident, li min seraq l-affarijiet mill-karozza ghamel dan billi kisser il-hgieg tal-karozza. Din hi prova li l-karozza kienet imsakkra sew u, ghalhekk, ma jistax jinghad li l-ilmentatur kien negligenti u li ma agixxiex ta' *'bonus paterfamilias'* kif jghid il-provditur tas-servizz.

Però, huwa minnu dak li qal il-provditur tas-servizz li l-ilmentatur naqas meta halla l-passaporti fil-karozza u l-Arbitru jhoss li ma jista' jkun hemm l-ebda kumpens dwar dan. Huwa mistenni u ragonevoli li passaport li johloq stat ta' certezza ghal min jivvjagga, u huwa essenzjali biex bniedem jidhol u johrog minn pajjiz ghall-iehor, li dan jinzamm fl-aktar post sikur u f'dawn ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fuq il-persuna li ghaliha jirreferi.

Imma ma jistax jinghad hekk ghall-kumplament tal-affarijiet personali tal-ilmentatur u familtu specjalment il-bagalji. Karozza ghandha bagoll biex izzomm proprjament affarijiet bhall-bagalji fih. Fic-cirkostanzi tal-kaz kien ragonevoli u mistenni li l-ilmentatur ihalli l-bagalji fil-karozza, isakkarha u jmur fejn ghandu jmur.

Il-pozizzjoni li ha l-assikuratur jigifieri li donnu hu mistenni li xi hadd irid joqghod il-hin kollu mal-karozza (biex ma tkunx *unattended*) u biex ma jisirquhx hija wahda assurda u tmur kontra l-iskop li xi hadd jinxurja ruhu ghal telf jew serq tal-affarijiet personali tieghu meta jsiefer.

Irid jinghad ukoll li bejn l-assikurat u l-assikurazzjoni, ir-rabta ta' bejniethom hija bbazata fuq l-*Uberrima Fides* li kif ritenut mill-Qrati taghna japplika kemm fuq min ikun inxurjat kif ukoll fuq l-assikurazzjoni.

Ghalhekk l-element tal-*bona fede* u, fil-kaz ta' kuntratt ta' assikurazzjoni, l-***'utmost good faith'*** ghandu jkun il-principju li jixpruna din ir-relazzjoni. Filwaqt li l-assikurat ghandu l-obbligi tieghu, fosthom dawk ta' zvelar (*disclosure*) ta' fatti materjali u anke li jaghmel dak kollu possibbli biex inaqqas ir-riskju kopert, però min-naha l-ohra dan il-principju jfisser ukoll li l-assikurazzjoni ma tistax toqghod

tfettaq biex tahrab mill-obbligu taghha li tonora l-*claim* meta jsehh ir-riskju kopert.

Kumpaniji tal-assikurazzjoni ghandhom l-obbligu li jqisu *claim* b'mod gust (*fair*) u ragonevoli. Fil-fatt, hija l-prassi kullimkien u mhux biss fl-Ewropa li huwa mistenni minn kumpaniji tal-assikurazzjoni li fl-ipprocessar ta' *claim* (*claim handling*) ghandhom isegwu certi principji u obbligi fosthom:

- Li jqisu *claim* malajr u bla dewmien zejjed;
- Li l-assikuratur iqis l-interessi tal-assikurat bhallikieku huma l-interessi tieghu;
- Li '*claim handlers*' ma ghandhomx iqisu l-process ta' *claim* bhala wiehed ta' konflitt bejn l-*insurance u l-policy holder;*
- Li l-assikurat ghandu jinghata l-beneficcju tad-dubju fejn ic-cirkostanzi jitolbu hekk;
- Li fuq kollox ghandu jqis il-*claim* b'mod gust (*fair*) u ragonevoli.
- Li meta l-*claim* tirrizulta, ihallas lill-assikurat immedjatament.
- Li meta b'mod gust u ragonevoli jirrifjuta l-*claim*, jaghti r-ragunjiet ta' dan lill-assikurat u jinfurmah x'rimedji ghandu biex jikkontesta dik il-*claim* jekk ikun irid.

L-Arbitru jhoss li dawn il-principji ghandhom jiggwidaw lill-kumpaniji ta' assikurazzjoni biex verament jaslu ghall-konkluzjoni ta' '*claims*' b'mod gust, ekwu u ragonevoli kif stenna l-legizlatur meta ta d-diskrezzjoni u l-obbligu lill-Arbitru li juza dawn il-kriterji biex jiddetermina ilment li jitressaq quddiemu.

Dan gie anke accennat f'diversi sentenzi tal-Qrati taghna fejn taht l-obbligu reciproku ta' *uberrimae fidei* ghamluha cara li dan il-pilastru, li fuqu tistrieh relazzjoni bejn assikurat u assikuratur, m'ghandux jintuza minn kumpaniji tal-assikurazzjoni biex jevitaw il-*claim*.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet: ***Patricia Agius vs GasanMamo Insurance Ltd.*** **deciza fil-5 ta' Gunju 2015,** il-Qorti qalet hekk:

*'Dan il-principju gie riaffermat ripetutament minn dawn il-Qrati li sostnew illi l-principju ta' uberrimae fidei, cioè utmost good faith, ma japplikax biss ghall-assigurat, izda japplika ukoll ghas-socjetà assiguratrici.*

*Hekk gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2007 fl-ismijiet* ***Andre Scerri pro et noe vs. Lloyd's (Malta) Limited noe:*** *"Illi fil-fatt jirrizulta ghalhekk li l-obbligu ta' bona fede japplika ghaz-zewg partijiet u din is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat li s-socjetà assikuratrici hija wkoll marbuta b'dan il-principju ta' uberrima fides u b'hekk l-imgiba tas-socjetà assikuratrici ma ghandhiex tkun li twaqqa' dan il-principju minn wiehed ta' bona fides ghal wiehed purament mekkaniku li l-assiguratur jinqeda bih biex jehles mill-obbligazzjonijiet tieghu taht il-polza…"'*

Meta kumpanija tal-assikurazzjoni ma timxix ma' principji gusti fl-ipprocessar tal-*claim* tista' titqies li ma agixxietx *'in utmost good faith'* u, ghalhekk, ma adempixxietx ruhha ma' wiehed mill-pilastri normattivi inerenti f'kuntratt ta' assikurazzjoni.

Meta l-Arbitru qies il-fatti u c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, u kif l-agir tal-ilmentatur kien wiehed ragonevoli u kif mistenni fic-cirkostanzi, jhoss li l-interpretazzjoni tal-polza kif deciza mill-provditur tas-servizz biex irrifjuta l-*claim* hija wahda ingusta, inekwa u mhux ragonevoli.

**Ghar-ragunijiet 'il fuq moghtija l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u ser jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni u kif ser jinghad.**

**Rimedju**

L-ilmentatur qed jitlob li jithallas is-somma ta' €4,237. Però, jidher mill-polza ipprezentata bhala DOK AG2, li l-assikurazzjoni kellha '*limits of indemnity - sums insured'* li juru l-massimu li l-assikurazzjoni kienet marbuta thallas f'kaz li jsehh ir-riskju inxurjat. L-assikurazzjoni li kellu l-ilmentatur kienet dik indikata minnu stess bhala *BOV Skypass Visa Card.*

Skont din il-polza, il-limitu massimu taht '*Personal Belongings/Oggetti Personali'* huwa ta' €2,330. Dan huwa l-limitu massimu li thallas l-assikurazzjoni f'kaz li jsehh ir-riskju inxurjat. Il-fatt li bhala '*members*' hemm inkluz anke familjari tal-

assikurat, ma jfissirx li l-limitu tal-assikurazzjoni jista' jigi multiplikat jew awmentat skont in-numru ta' persuni inxurjati. Il-massimu ta' €2,330 japplika ghall-inxurjati kollha f'daqqa. Hekk jidher mill-polzaipprezentata.

Hemm ukoll hlas ta' telf ta' passaport ghall-ammont ta' €116.50, però, kif iddecieda l-Arbitru aktar 'il fuq, m'ghandux ikun hemm kumpens dwar dan ghaliex ma kienx ragonevolment mistenni li xi hadd ihalli l-passaporti fil-karozza u ma jzommhomx fuqu.

**Ghal dawn il-motivi, l-Arbitru qed jordna lil *Mapfre Middlesea Insurance p.l.c.* thallas lill-ilmentatur is-somma ta' elfejn, tlett mija u tletin ewro.**

**Bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Dwar spejjez legali l-provditur tas-servizz ghandu jhallas zewg terzi u l-ilmentatur terz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**